MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 44/2006

**Avviz numru 44/06 DM**

**Carmelo Brincat**
**Vs**
**Buxom Poultry Ltd (C-2338)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz, permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ erba’t elef mija u erba’ Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm4,104.35) rapprezentanti prezz ta’ ‘‘boilers’’ mibjugha u kkonsenjati lilhom mill-attur ghall-qatla, li baqghu ma thallsux u dan kif jirrizulta minn l-anness mall-avviz ‘‘Boiler Sales Lists’’ immarkati minn dokument CB1 sa dokument CB4 rispettivament u dan oltre l-imghaxijiet mid-dati tal-konsenji relattivi indikati fid-dokumenti msemmija, sad-data tal-hlas effettiv bir-rata ta’ 8% fis-sena.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment  ma’ l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma’ dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma’ baghtu rapprezentant ghas-seduta ta’ llum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Rat ukoll id-dokumenti esebiti ;

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tilqa’ t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ erba’t elef, mija u erba’ Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (LM 4,104.35) bl-imghaxijiet legali b’ effett mit-3 ta’ Novembru, 2005; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------